# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Gunju 2019**

**Numru 3**

**Rikors numru 476/17 AL**

**Fl-Atti tar-Rikors Generali 476/2017 (AL) fl-ismijiet:**

**Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali**

**v.**

**Dinah Aquilina**

Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mill-konvenuta minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fit-28 ta' Frar 2019 li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet dwar it-talbiet tal-attur billi, wara li ddikjarat li r-rimozzjoni tal-minuri Denzel u Xyzel, ahwa Grech, mill-Awstralja ghal Malta fil-1 ta' Dicembru 2016 mill-konvenuta ommhom

hija wahda illecita ai termini tal-**Konvenzjoni dwar l-Aspetti Civili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri**, ordnat li, b'applikazzjoni tal-**Artikolu 12 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 410 tal-Ligijiet ta' Malta**, iz-zewg minuri jigu ritornati lura lejn l-Awstralja; ordnat ukoll li l-attur jaghmel l-arrangamenti prattici ghar-ritorn tal-minuri lejn l-Awstralja u li l-konvenuta ghandha taderixxi ma' dawn l-arrangamenti li ghandhom jigu enforzati jekk ikun hemm bzonn mill-marixxalli tal-qorti, bl-assistenza tal-pulizija, bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

L-Appell

2. Il-konvenuta appellat minn dik is-sentenza permezz ta' rikors prezentat minnha fl-14 ta' Marzu 2019[1] u l-attur ipprezenta r-risposta tieghu fil-21 ta' Marzu 2019.

3. Fir-risposta tieghu l-attur issolleva vertenza ta' natura procedurali li fil-fehma tieghu ghandha twassal sabiex l-appell tal-konvenuta jigi dikjarat *fuori termine* u ghalhekk huwa irritu u null. Huwa fisser hekk din l-eccezzjoni:

> "13. Illi in linea preliminari l-appellat jeccepixxi illi l-appell odjern huwa tardiv u dan fid-dawl ta' Artikolu 19 sub-inciz 9 tal-Ligi Sussidjarja 12.09 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu tal-ligi jistipula liema proceduri legali ghandhom jigu segwiti f'sekwestru ta' minuri. Is-sub-inciz 9 tal-Artikolu 19 tal-Ligi Sussidjarja 12.09 jistipula b'mod car li: '*Rikors ta' appell*

[1] Fol.907.

> *ghandu jsir **fi zmien tmint ijiem tax-xoghol mid-data tal-ghoti tad-decizjoni** u l-intimat jista' jipprezenta risposta bil-miktub fi zmien tmint ijiem tax-xoghol mid-data tan-notifika jew f'dak iz-zmien li jkun iqsar li l-qorti tista' tistabbilixxi'* (enfasi tal-appell).
>
> "14. Illi s-sentenza appellata inghatat fit-28 ta' Frar 2019 u ghaldaqstant meta wiehed jikkalkulha t-terminu perentorju li jahseb ghalih l-imsemmi artikolu tal-ligi jidher li fic-cirkostanza, l-appellanta kellha tipprezenta r-rikors tal-appell odjern sat-12 ta' Marzu 2019. Minkejja tali disposizzjoni tal-ligi, l-appellanta intavolat ir-rikors tal-appell wara 10 t'ijiem tax-xoghol mid-data tal-ghoti tad-decizjoni, cioe' nhar il-14 ta' Marzu 2019 minflok fi zmien tmint ijiem tax-xoghol u b'hekk huwa manifestament car illi l-appell odjern gie pprezentat *fuori termine*."

4. Min-naha taghha l-konvenuta fis-sottomissjonijiet orali sostniet li l-interessi tal-minuri ghandhom jipprevalu fuq l-ordni pubbliku u ghalhekk, minkejja li l-appell gie prezentat tardivament, din il-Qorti xorta wahda ghandha tippermetti li l-appell taghha jkompli jinstema'.

5. Matul is-sottomossjonijiet orali giet iccitata gurisprudenza lokali, senjatament il-kawzi numri 174/11 fl-ismijiet **The Director of Social Welfare Standards Department v. Richard John Bridge** u 646/11 fl-ismijiet **Richard John Bridge v. Onor. Ministru tal-Gustizzja u Intern et**, moghtija minn din il-Qorti, diversament komposta, fit-3 ta' Lulju 2012 u fis-16 ta' April 2012 rispettivament, kif ukoll il-kawza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali numru 43/14 fl-ismijiet **Geoffrey Mizzi et v. Ministru ghall-Familja u Solidarjeta` Socjali et** deciza fil-31 ta' Jannar 2019.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

6. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li, kif sottomess mill-attur appellat, ir-rikors tal-konvenuta appellanti gie prezentat fl-14 ta' Marzu, flok fit-12 ta' Marzu kif irid l-Artikolu 19 [9] tal-Ligi Sussidjarja 12.09, u ghalhekk ma hemmx dubju li sar wara li ghaddew it-tmint ijiem tax-xoghol stipulati fl-imsemmi artikolu; ghaldaqstant l-appell gie prezentat tardivament.

7. Rigward it-tezi tal-konvenuta li l-interessi tal-minuri ghandhom jipprevalu fuq ir-regoli tal-procedura u senjatament it-termini preskritti mil-ligi, din il-Qorti tirribadixxi dak osservat minnha fil-kawza numru 174/2011 fuq indikata li:

> "Given that the appeal filed by respondent is null and void, this Court is not seized of the matter and cannot delve into issues related to be, what respondent claims, in "the interests of the minor child". Respondent insisted that this Court can, whatever the circumstances, take measures in the best interests of the minor. This, however, has already been seen to by the first Court when it ordered that the child be returned to its habitual residence, for indeed the purpose of the law is to ensure that the best interests of the child are tackled by the courts of the habitual residence of the child, agreed by the parties to the Hague Convention to be the proper forum where such matters are to be discussed."[2]

8. Fil-kawza numru 646/2011 fuq indikata, b'referenza ghat-terminu ta' tmint ijiem ghall-prezentata tar-rikors tal-appell, gie senjalat minn din il-Qorti diversament komposta li:

---

[2] Ara wkoll dottrina u kazistika hemm citati.

> "Il-Kap.410 huwa ligi spejciali li r-*raison d'etre* taghha hija l-heffa tat-trattazzjoni u d-decizjoni ta' kawza u ghalhekk wiehed ma setax jassumi li d-dritt tal-appell kellu jkun dak solitu applikabbli ghall-kawzi in generali tal-il-Kap.12."

9. Fil-kawza numru 43/14[3] fuq indikata, gie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonli li t-termini ghall-prezentata tal-appell u ghall-prezentata tar-risposta huma perentorji, u risposta maghmula tardivament ghandha tigi sfilzata flimkien mal-appell incidentali li ghandu jigi dikjarat null. Dik il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet relevanti:

> "9. Ir-Regolament 4[2] tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u tal-Bon Ordni [L.S 12.09] fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk:
>
> > ""(2) Ir-rikors ta' l-appell ghandu jsir fi zmien ghoxrin gurnata mid-data tad-decizjoni appellata, u l-appellat jista' jipprezenta risposta bil-miktub fi zmien tmint ijiem ta' x-xoghol mid-data tan-notifika"
> >
> > ""……………….. omissis ……………………….""
>
> "10. Fir-rigward jinsab konsolidat fil-gurisprudenza taghna li l-osservanza tat-termini stabbiliti kemm fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u kif ukoll f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem qorti jew tribunal, huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux bl-ebda mod jigu njorati, u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula. Dan ghal ragunijiet ta' certezza u wkoll ta' uniformita`. Ghalhekk l-inosservanza taghhom tista' sahansitra tigi sollevata mill-Qorti *ex officio* u galadarba jiskadi t-terminu stabbilit mill-ligi, id-dritt ta' azzjoni jintilef."

10. Ghaldaqstant l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-attur appellat hija fattwalment u legalment sostenibbli u qed tigi milqugha. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkonsidra l-appell odjern ulterjorment.

---

[3] Dan ma kienx kaz ta' sekwestru ta' minuri izda kaz dwar il-validita` ta' ordni tal-harsien.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddikjara li l-appell gie intavolat tardivament u ghaldaqstant huwa irritu u null, bl-ispejjez a kariku tal-konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Noel Cuschieri |
| President | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
rm